Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

14th October, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2566

B'digriet mogħti fit-2 ta' Ottubru, 2025 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja) fuq rikors numru 884/2025 ippreżentat mill-Avukat Dott. Francis Lanfranco, fejn fih ġie ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testment sigriet tat-Tabib Vittorio Amadeo sive Victor Preziosi (KI 0129025M), bin il-mejtin Luigi Preziosi u Ludgarda née Chapelle, imwieled il-Furjana, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fit-13 ta' Lulju, 2025, ta' 100 sena.

Il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment se jsir nhar it-Tnejn, 20 ta' Ottubru, 2025, f'nofsinhar (12.00 p.m.), kamra 105, l-Ewwel Sular, Il-Bini tal-Qorti, Il-Belt Valletta, taħt il-Ministeru tan-Nutar Dott. Angele Rapa.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżidzzjoni Volontarja)

Illum 10 ta' Ottubru, 2025

ROSE MARIE BUTTIGIEG
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 2nd October, 2025 by The Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on an application number 884/2025 filed by Dr Francis Lanfranco, wherein it has been ordered the opening and publication of the secret will of Dr Vittorio Amadeo sive Victor Preziosi, (ID 0129025M), son of the late Luigi Preziosi and the late Ludgarda née Chapelle, born in Floriana, Malta, and died in Msida, Malta, on the 13th of July, 2025, aged 100 years.

The opening and publication are going to be held on Monday, 20th October, 2025, at noon (12.00 p.m.), room 105, 1st Floor, The Law Courts, Valletta, under the ministry of Notary Dr Angele Rapa.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today the 10th October, 2025

ROSE MARIE BUTTIGIEG
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

2567

B'digriet tal-4 ta' Settembru, 2025, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti, Prim'Awla, fit-30 ta' Mejju, 2025, fuq rikors ta' Paolo Colombani, passaport numru YA9796818, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 13 ta' Novembru, 2025, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Id-dar uffiċjalment immarkata bin-numru tnax (12) ġja magħrufa bin-numru (5) bl-isem 'Madonna ta' Pinu', fi Triq Vinċenzo M. Pellegrini, Ir-Rabat, Malta, stmata li tiswa tmien mija u erbgħin elf ewro (€840,000).

Il-penthouse internament immarkata bin-numru ħamsa (5) formanti parti minn korp ta' flats bl-isem 'Seaspray', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema penthouse tinsab fir-raba' sular (il-ħames (5) livell mit-triq) fuq nett u hi aċċessibbli permezz ta' taraġ u lift komuni fil-parti ta' quddiem tal-binja u tikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-punent u mil-Lvant ma' proprjetà ta' S.J.J.C Limited jew l-aventi kawża tagħha stmata li tiswa tliet mija u ħamsa u ħamsin elf ewro (€355,000).

L-arja tal-penthouse internament immarkata bin-numru ħamsa (5) formanti parti minn korp ta' flats bl-isem 'Seaspray', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema arja tinsab fi sitt (6) livell tat-triq imsemmija b'kejl superfiċjali ta' 70 mk² u tikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà ta' S.J.J.C Limited jew l-aventi kawża tagħha stmata li tiswa ħamsa u sittin elf ewro (€65,000).

Car space internament immarkat bin-numru erbgħa (4) formanti parti minn garaxx bla numru u bla isem u sottopost għal blokk ta' flats bl-isem 'Seabreeze', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar liberu u frank bid-drittijiet kollha tiegħu u jikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Punent mas-suċċessuri tas-soċjetà' S.J.J.C Limited u mil-Lvant ma' ġid ma' Etoile Limited mentri l-car space jikkonfina min-Nofsinhar ma' partijiet komuni u mill-irjieħ l-oħra ma' ġid il-venditriċi tal-'car space' jew suċċessuri tagħha stmat ħamsa u tletin elf ewro (€35,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Jane Chircop (KI 466464M) eżerċenti l-kummerċ bħala Sapphire Real Estate Services.

By a decree given on the 4th September, 2025, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court First Hall on the 30th May, 2025, on the application of Paolo Colombani, passport number YA9796818, Thursday, 13th November, 2025, at half past ten in the morning (10.30 a.m.) has been fixed for the Sale by Auction to be held in Room number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Republic Street, Belt Valletta of the following property:

The house officially marked with the number twelve (12) previously known as the number five (5) named 'Madonna ta' Pinu', in Triq Vinċenzo M. Pellegrini, Rabat, Malta, valued at eight hundred and forty thousand euro (€840,000).

The penthouse internally marked with the number five (5) forming part of a block of flats named 'Seaspray', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay, which penthouse is situated in forth floor (the fifth (5) level from the street) on top and is accessible from stairs and a common lift at the front of the block and bounded on the south by the said street, west and east by property of S.J.J.C Limited or its successors valued at three hundred and fifty five thousand euro (€355,000).

The airspace of the penthouse internally marked with the number five (5) forming part from a block of flats named 'Seaspray', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay, which airspace is situated in six (6) level of the said street superfically measured of 70 m² and bounded on the south by the said street, west and east by property of S.J.J.C Limited or its successors valued sixty five thousand euro (€65,000).

Car space internally marked with the number four (4) forming part from an unnumbered and unnamed garage and underlying block of flats named 'Seabreeze', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay free and unencumbered with all its rights and bounded on the south by the said street, west by the successor of the company S.J.J.C Limited and east by property of Etoile Limited whilst the car space bounded on the south by common parts and on the other compass points by property of carspace vender or her successors valued at thirty five thousand euro (€35,000).

The said tenement is the property of Jane Chircop (ID 466464M) carrying on trade as Sapphire Real Estate Services.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 52/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 9 ta' Ottubru, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 52/2022.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 9th October, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2568

B'digriet tad-9 ta' Settembru, 2025, mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taht biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazjoni (Kap. 12).

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Mejju, 2025, minn Attard & Co. Food Limited (C25937), Subbasta bin-numru 32/2025 fl-ismijiet Attard & Co. Food Limited (C25937) vs Kevin Scerri (KI 230384M) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Il-maisonette bl-arja tiegħu, uffiċjalment immarkat bin-numru mija u disgħa u tletin (139) ġja bin-numru mija u erbgħin (140), fi Triq Isouard, fil-Marsa, irjieħ mhux magħrufa, sovrastanti in parte beni ta' terzi, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Kevin Scerri (KI 230384M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 9 ta' Ottubru, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 9th September, 2025, by the Civil Court, First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court, First Hall, on the 30th May, 2025, by Attard & Co. Food Limited (C25937), Judicial Sale file number 32/2025 in the names Attard & Co. Food Limited (C25937) vs Kevin Scerri (ID 230384M) is being asked that the Court orders the sale by auction of the:

The maisonette, with its airspace, offically numbered one hundred and thirty nine (139) previously one hundred and forty 140), in Triq Isouard, Marsa, with unknown boundaries, overlying in part third party property, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances.

The said property belongs to Kevin Scerri (ID 230384M).

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 9th October, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2569

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Settembru, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Christef Company Limited vs Oscar Sammut et, Rikors numru 261/2025CG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Oscar Sammut u Gulja Sammut a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Christef Company Limited (C8184) vs Oscar Sammut (KI 572237M) u Gulja Sammut (KI 63838M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Awwissu, 2025, ir-rikorrenti Christef Company Limited (C8184) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

i. Iwettaq it-test tal-mezzi tal-intimati qua kerrejja kif

By means of a decree of the 29th September, 2025, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Christef Company Limited vs Oscar Sammut et, Application number 261/2025CG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Oscar Sammut and Gulja Sammut in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Christef Company Limited (C8184) vs Oscar Sammut (ID 572237M) and Gulja Sammut (ID 63838M) filed in the Rent Regulation Board, on the 12th August, 2025, the applicant Christef Company Limited (C8184) requested this Honourable Board why it should not:

stabbilit fir-Reglamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' test tal-mezzi);

ii. Kemm-il darba il-kerrejja ossija l-intimati jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jordna li l-kera tal-fond bin-numru 16, Fl. 1, Triq il-Kapuċċini, Il-Furjana, tiġi riveduta għall-ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha qed jiġi preżentat dan ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera;

iii. Kemm-il darba l-kerrejja ossija l-intimati ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jippermetti lill-istess kerrejja żmien ta' sentejn (2) sabiex il-fond bin-numru 16, Fl. 1, Triq il-Kapuċċini, Il-Furjana, jiġi vakat fil-waqt li jiffissa l-kumpens pagabbli lir-rikorrent għall-okkupazzjoni tal-istess fond;

iv. Jagħti dawk il-provvedimenti ultrjuri li jidhirlu xierqa fit-termini tal-Art 4A tal-Kap. 69.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati minn issa inġunti għas-subizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' tiġi intavolata.

Notifika: Oscar Sammut u Gulja Sammut, 16, Flat 1, Triq il-Kapuċċini, Il-Furjana

Ir-rikors fl-ismijiet Christef Company Limited vs Oscar Sammut et, Rikors numru 261/2025CG, jinsab differit għat-30 ta' Ottubru, 2025, fil-11.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Ottubru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

i. Carry out the means test of the respondents qua lessees as set out in the Rules on the continuation of the lease (means test criteria);

ii. If the lessees or rather the respondents satisfy the criteria of income and capital of the means test, order that the lease of the premises with number 16, Fl. 1, Triq il-Kapuċċini, Floriana, be revised to the amount which does not exceed 2% per year of the free and unencumbered open market value on the 1st January of the year during which this application is being filed and in order that new lease conditions are established;

iii. If the lessees or rather the respondents do not satisfy the criteria of income and capital of the means test, permit the same lessees within two (2) years so that the premises with number 16, Fl. 1, Triq il-Kapuċċini, Floriana, be vacated whilst fixing the compensation payable to the applicant for the occupation of the same premises;

iv. Gives those further provisions as it deems fit in terms of Art 4A of Cap. 69.

With costs against the respondents from now summoned so that a reference to their oath be made and saving and without prejudice to any other action that may be filed.

Notification: Oscar Sammut u Gulja Sammut, 16, Flat 1, Triq il-Kapuċċini, Floriana

The application in the names Christef Company Limited vs Oscar Sammut et, Application number 261/2025CG, has been postponed for hearing to the 30th October, 2025, at 11.20 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 10th October, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2570

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fis-6 ta' Awwissu, 2025, fuq talba ta' Jesus Centeno Domantay ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Charlie San Roque fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 161/2025JPG fl-ismijiet Jesus Centeno Domantay vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 6th August, 2025, following a request of Jesus Centeno Domantay it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Charlie San Roque, in the records of the Sworn Application 161/2025JPG, in the names Jesus Centeno Domantay vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Jesus Centeno Domantay (KI 0193912A) vs Judith Navarro San Roque (KI 0208313A) f'isimha proprju u għan-nom tal-minuri … omissis …, Charlie San Roque, Direttur Reġistru Pubbliku fl-atti tar-Rikors Guramentat numru 161/2025JPG, ppreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fl-1 ta' Awwissu, 2025, fejn Jesus Centeno Domantay (KI 0193912A) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni li din l-Qorti tħoss li għandha tagħti fiċ-ċirkostanzi tiddikjara illi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi l-konvenut Charlie San Roque ma huwiex il-missier naturali tal-minuri … omissis …;

2. Tiddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi illi l-attur Jesus Centeno Domantay huwa l-missier naturali tal-minuri … omissis … u dana kif jirriżulta mid-DNA Paternity Test Report;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Tgwlid bin-numru 3054 tat-2025 u dan billi:

a. Fl-istess att jitneħħew il-konnotti kollha tal-konvenut Charlie San Roque fil-kolonna tal-isem ta' missier it-tarbija u minflok, jiġu reġistrati l-konnotati kollha tal-attur Jesus Centeno Domantay bħala missier il-minuri … omissis …,

b. Fl-istess att, kunjom il-minuri … omissis … jinbidel minn San Roque għal Domantay;

4. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jippubblika ċ-ċertifikat tat-twelid hekk kif korrett.

Bl-ispejjeż u l-konvenuti minn issa inġunti in subizzjoni.

Rikorrenti: 29, Colorado Loft, Triq Ġużè Pace, Santa Venera

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

By means of a Sworn application in the names Jesus Centeno Domantay (ID 0193912A) vs Judith Navarro San Roque (ID 0208313A) in her own name and for and on behalf of the minor … omissis …, Charlie San Roque, Director Public Registry, in the records of the Sworn Application bearing reference 161/2025JPG, filed in the Civil Court (Family Section), on the 1st August, 2025, the applicant Jesus Centeno Domantay (ID 0193912A) requested this Honourable Court so that it:

1. Preempt any declartion that this Court feels it should make in the circumstances, declare that for all intents and purposes of law that the defendant Charlie San Roque is not the biological father of the minor … omissis …;

2. Declare for all intents and purposes of law that the plaintiff Jesus Centeno Domantay is the bilogoical father of the minor … omissis … and this as it results from the DNA Paternity Test Report;

3. Order th defendant Director of the Public Registry to make the necessary corrections in the Birth Certificate with number 3054 of the year 2025 and this by:

a. Amending the said act by removing all the details of the defendant Charlie San Roque that are present in the column of the name of the child's father and instead, register all the details of the plaintiff Jesus Centeno Domantay as the father of the minor … omissis …,

b. Amending the said act, by changing the surname of the minor … omissis … from San Roque to Domantay;

4. Order the same defendant Director of Public Registry to publish the birth certificate as corrected.

With costs and the defendants for a reference to their oath.

Applicant: 29, Colorado Loft, Triq Ġużè Pace, Santa Venera

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Anthony Ellul, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 20 ta' Awwissu, 2025

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 10 ta' Ottubru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Anthony Ellul, LLD, Doctor of Laws.

Today 20th August, 2025

Registry of the Civil Court (Family Section), today 10th October, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2571

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 54/25AGV fl-ismijiet Nadia Tonna vs Elvis Nosoregbe, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Elvis Nosoregbe a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta rikors fl-ismijiet Nadia Tonna (KI 586290M) vs Elvis Nosoregbe (PP numbr A10840323) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 54/2025AGV, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fil-21 ta' Marzu, 2025, ir-rikorrenti Nadia Tonna (KI 586290M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, għar-raġunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom eċċessi, sevizzi, inġurji gravi, theddid u vjolenza domestika fil-konfront ta' martu, liema rrendew il-ħajja konjuġali tal-partijiet impossibbli u konsegwenza ta' liema ż-żwieġ tkisser irrimmedjabbilment;

2. Tiffissa manteniment għall-esponenti skont il-bżonnijiet tagħha u l-mezzi u d-dħul sostanzjali ta' żewġha, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja. Filwaqt li tiddikjara illi bl-aġir tiegħu l-intimat iddekada minn kull dritt li jitlob għall-manteniment mingħand martu l-esponenti;

3. Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali tagħha li se jirriżultaw waqt il-mori tal-kawża kif ukoll l-ispejjeż li saru daparti tal-istess rikorrenti qabel iż-żwieġ, u dan fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi lilu prefiss minn din il-qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel dan, tikkundannah iħallas lill-esponenti dik is-somma li għandha tiġi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi rappreżentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

By means of a decree of the 2nd October, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the sworn application in the names Nadia Tonna vs Elvis Nosoregbe, Application Number 54/2025AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Elvis Nosoregbe in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an Application in the records of the sworn Application number 54/2023AGV in the names Nadia Tonna (ID 586290M) vs Elvis Nosoregbe (PP number A10840323), filed in the Civil Court (Family Section), on the 21st March, 2025, the applicant Nadia Tonna (ID 586290M) requested this Honourable Court to:

1. Declare and pronounce the personal separation between the parties, for grave reasons and faults imputable exclusively to the defendant amongst which excesses, services, grievous injuries, threats and domestic violence against his wife, which rendered the conjugal life of the parties impossible and as a consequence of which the two irretrievably broke down;

2. Fix maintenance for the applicant according to her needs and the means and substantial income of her husband, with all those payment modalities, including provision for the periodic increase to compensate for the cost of living. Whilst declaring that by his action the respondent forfeited all right to ask for maintenance from his wife the applicant;

3. Order the defendant to restitute to the applicant her paraphernal and dotal assets and credit which shall result during the proceedings as well as the expenses incurred on the part of the same applicant before the marriage, and this within a short and peremptory time to be fixed by this court and in default of the defendant to do so, condemn him to pay the interpellant that sum which is to be liquidated, if necessary by the appointment of referees representing the value of the paraphernal property above mentioned;

4. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluż l-komminjazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-esponenti;

5. Tordna illi l-fond taħt it-titolu ta' kera Eleven Appartments, Flats 5, Triq Dawret il-Gżejjer, San Pawl il-Baħar, ma jibqax jitqies bħala l-fond matrimonjali tal-partijiet;

6. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirreġistra l-eventwali sentenza ta' separazzjoni fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-proċeduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Nadia Tonna vs Elvis Nosoregbe (Rikors numru 54/2025AGV) hija differita għad-29 ta' Ottubru, 2025, fl-10.00 a.m.

Rikorrenti: De Rohan Court, Appartment 5, Triq il-Fraxxnu, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Notifika: Eleven Appartments, Flat 5, Triq Dawret il-Gżejjer, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 10 ta' Ottubru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4. Apply in toto or in parte against the defendant the effects of the provisions of Articles 48 to 53 of Cap. 16 of the Laws of Malta to the extent applicable, including the sanction of the forfeiture of succession rights from the exponent;

5. Order that the premises under the title of lease Eleven Apartments, Flat 5, Triq Dawret il-Gżejjer, St Paul's Bay, shall no longer be considered as the matrimonial premises of the parties;

6. Authorise the applicant to register the eventual judgement of separation in the Public Registry.

With costs, including those of the mediation procedures, against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The application in the names Nadia Tonna vs Elvis Nosoregbe, Application number 54/2025AGV has been postponed for hearing to the 29th October, 2025, at 10.00 a.m.

Applicant: De Rohan Court, Appartment 5, Triq il-Fraxxnu, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Notification: Eleven Appartments, Flat 5, Triq Dawret il-Gżejjer, St Paul's Bay

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 10th October, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2572

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ottubru 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors guramentat numru 108/2025AGV fl-ismijiet Eugene Sergeevich Ulanov vs Aleksandra Vladimirovina Ulanov ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Aleksandra Vladimirovina Ulanov a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Eugene Sergeevich Ulanov (KI 0322115L u passaport Malti numru 1209186) vs Alexsandra Vladimirovina Ulanov (KI 0656321L u passaport Malti numru MT056632) fl-atti tar-rikors ġuramentat numru 108/2025AGV ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Mejju, 2025, ir-rikorrenti Eugene Sergeevich Ulanov talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

By means of a decree of the 2nd October 2025 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Eugene Sergeevich Ulanov vs Aleksandra Vladimirovina Ulanov, Sworn Application Number 108/2025AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Aleksandra Vladimirovina Ulanov in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an Application in the records of the Sworn Application Number 108/2025AGV in the names Eugene Sergeebvich Ulanov (KI 0322115L u passaport Malti numru 1209186) vs Aleksandra Vladimirovina Ulanov (KI 0656321L u passaport Malti numru MT056632), filed in the Civil Court (Family Section), on the 23rd May, 2025, the applicant Eugene Sergeevich Ulanov (ID 0322115L) requested this Honourable Court to:

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet attribwibbli lill-konvenuta, inkluż inkompatibbiltà ta' karattru, eċċessi, sevizzi, inġurji gravi u theddid imwettaq fuq żewġha li għamlu l-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli;

2. Tiddikjara li l-konvenuta tilfet id-dritt tagħha li titlob jew tirċievi manteniment mingħand ir-rikorrenti;

3. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jiġu stabbiliti porzjonijiet u assenjati lill-partijiet u billi wkoll tiġi stabbilita data minn meta l-konvenuta titqies li ddekadiet minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u bil-ħila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att oppoprtun u ta' kuratur biex jirrappreżenta lill-konvenuta fl-eventwali kontumaja fuq kwalsijasi konvenju u att sussegwenti għall-istess xoljiment;

4. Tiddividi l-ġid ieħor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

5. Tordna lill-konvenuta sabiex tirrestitwixxi lir-rikorrent il-beni u krediti parafernali u dawk dotali tiegħu li se jirriżultaw waqt il-mori tal-kawża kif ukoll l-ispejjeż li saru daparti tal-istess rikorrent qabel iż-żwieġ u dan fi żmien qasir u perentorjuu li għandu jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenuta tagħmel dan, tikkundannaha tħallas lill-esponenti dik is-somma li għandha tiġi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

6. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenuta l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluż il-komminjazzjoni li titlef fuq dritt li tiret lill-esponenti;

7. Tawtorizza lir-rikorrent sabiex jirreġistra l-eventwali sentenza ta' separazzjoni fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-proċeduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenuta li hija minn issa inġunta in subizzjoni.

Rikorrenti: c/o 58, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta

Notifika: Aleksandra Vladimirovina Ulanov Preti Court, Flat 6, T9B, Tigné Point, Tas-Sliema

Il-kawża fl-ismijiet Eugene Sergeegvich Ulanov vs Aleksandra Vladimirovina Ulanov (Rikors numru 108/2025AGV) hija differita għad-29 ta' Ottubru, 2025, fid-9.15 a.m.

1. Pronounce and declare the personal separation between the parties attributable to the defendant, including incompatibility of character, excesses, services, grievous injunctions and threats committed on her husband which made matrimonial life between the parties impossible;

2. Declare that the defendant has lost its right to claim or receive maintenance from the applicant;

3. Dissolve and terminate the Community of acquests between the parties and liquidate the same in such a manner that portions and assigned to the parties are established and by also establishing a date from when the defendant is deemed to have lapsed from every acquisition made by the work and skill of the applicant, and all this if necessary by the operation of referees nominated and by the appointment of a notary to publish the opposing deed and of a curator to represent the defendant in the eventual default on any preliminary agreement and an act subsequent to the same dissolution;

4. Divide the other common reason of the parties not forming part of the community of acquests;

5. Order the defendant to refund to the applicant his paraphernal and doctoral property and credits which shall result during the proceedings as well as the expenses incurred on the part of the same applicant before the marriage and this within a short and peremptory period which shall be fixed by this Court and in default of the defendant to do so, condemn her to pay the applicant that sum which is to be liquidated, if necessary by the appointment of referees representing the value of the paraphernal property above mentioned;

6. Apply in toto or in parte against the defendant the effects of the provisions of Articles 48 to 53 of Cap. 16 of the Laws of Malta to the extent applicable, including the sanction of the forfeiture of succession rights from the exponent;

7. Authorise the applicant to register the eventual judgement of separation in the Public Registry.

With costs including those of the mediation procedures, against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Applicant: c/o 58, Triq l-Ifran, Valletta

Notification: Aleksandra Vladimirovina Ulanov Preti Court, Flat 6, T9B, Tigné Point, Tas-Sliema

The application in the names Eugene Sergeegvich Ulanov vs Aleksandra Vladimirovina Ulanov, Application number 108/2025AGV, has been postponed for hearing to the 29th October, 2025, at 9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 10 ta' Ottubru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 10th October, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2573

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-22 ta' Settembru, 2025, fuq talba ta' Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Ade Muhammed Ali fl-atti tar-Rikors numru 85/2025AC fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi Ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali vs Kadiga Mohammed Jaranei (KI 0046473A) u Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Adel Muhammed Ali, ppreżentat fil-Qorti tal-Minorenni fid-19 ta' Settembru, 2025, fejn id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal talab lil din il-Qorti:

1. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) tawtorizza li l-minuri jirrisjedi ġewwa residenza liċenzjata u approvata mill-awtorità rispettiva u d-Direttur esponenti, fejn il-passaport li jippartjeni lill-minuri għandu jiġi rilaxxat fil-pussess ta' dan id-Direttorat;

2. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3), tafda l-kura u kustodja tal-minuri f'idejn id-Direttur tad-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) li jkollu s-setgħa illi jiddelega l-awtorità illi jkunu amministrati deċiżjonijiet rigwardanti l-edukazzjoni u trattamenti mediċi, terapewtiċi u psikjatriċi lil persuna/i ta' fiduċja jew persuna/i li għandhom il-kompitu li jamministraw djar ta' kura alternattiva;

3. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) tawtorizza lil ħaddiema soċjali fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u/jew id-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) japplika u jagħmel dak kollu neċessarju mad-dipartimenti rispettivi inkluż dak tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jekk ikun il-każ għall-applikazzjoni u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri mingħajr awtorizzazzjoni u/jew firma tal-omm u missier;

4. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) kwalunkwe kuntatt tal-minuri ma' ħutu għandu jsir taħt superviżjoni li għandha tkun regolata mid-Direttorat Kura

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 22nd September, 2025, following a request by the Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Services it was ordered that deputy curators be appointed to represent Adel Muhammed Ali in the acts of the Application number 85/2025AC in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Services vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Services vs Kadiga Mohammed Jaranei and Deputy Curators to repesent Adel Muhammed Ali, filed in the Juvenile Court on the 19th September, 2025, whereby the applicant Directorate for Child Protection respectfully requested:

1. That in the first place and in terms of Article 18 (3) authorises the minor to reside within a licensed residence and approved by the respective authority and the applicant Director, whereby the passport belonging to the minor is to be released in the possession of this Directorate;

2. That in the first place and in terms of Article 18 (3), entrust the care and custody of the minor to the Director of the Alternative Care Directorate (Children and Youths) who shall have the power to delegate the authority to administer decisions regarding education and medical, therapeutic and psychiatric treatments to a person/s of trust or person/s who have the task of administering alternative care homes;

3. That in the first place and in terms of Article 18 (3) authorise social workers within the Directorate for Child Protection and/or the Directorate for Alternative Care (Children and Youths) to apply and do everything necessary with the respective departments including that of the Ministry of Foreign Affairs if applicable for the application and/or renewal of the passport of the minor without authorisation and/or signature of the mother and father;

4. That in the first place and in terms of Article 18 (3) any contact of the minor with his siblings should be made under supervision which should be regulated by the Directorate

Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fejn l-istess Direttorat ikollu l-fakultà illi wara li jeżamina l-benefiċċju għall-minuri minn tali aċċess, jawtorizza li jsir tali kuntatt fejn tali direttorat għandu jkollu wkoll l-awtorizzazzjoni li jiddetermina, anke pendente lite, il-metodologija ta' kuntatt u jamministra hu s-superviżjoni jew monitoraġġ, fejn id-Direttorat ikollu l-fakultà illi jieħu deċiżjonijiet li jnaqqas, jestendi, iżid, jissospendi jew jittermina l-aċċess jekk dan ikun ta' ħsara għall-minuri. F'każ li l-kundizzjoni li l-minuri ma jkollux kuntatt mal-omm tiġi rilaxxata, il-minuri għandu jkollu aċċess superviżjonat bl-istess metodoloġija msemmija;

5. Tawtorizza lil dan id-Direttorat u/jew id-Direttur tad-Direttorat Kura Alternattiva tamministra kwalunkwe vaċċin u/jew tilqim rakkomandat minn tobba professjonisti mediċi;

6. Tappunta r-rikors għas-smigħ ai termini tal-Artikolu 18(5) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Tappunta avukat tat-tfal sabiex jipprovdi spjegazzjoni, jipprovdi kull informazzjoni lill-minuri, jassisti u jippreżenta l-fehmiet tal-minuri quddiem din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 25 tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Tilqa' r-rakkomandazzjonijiet, inkluż il-ħruġ tal-ordni ta' ħarsien, tad-Direttur għad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal kif dedotti fir-rapport anness bħala Dok. X u tagħmilhom bħala parti integrali mid-deċiżjoni finali tagħha;

9. F'każ li t-talbiet su esposti jiġu milqugħa, tordna li dawn l-atti flimkien mal-ordni ta' ħarsien jiġu notifikati lill-Bord ta' Reviżjoni sabiex l-istess kura tal-minuri tiġi riveduta regolarment, dan skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi.

U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż.

Rikorrenti: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Alternative Care (Children and Youths) where the same Directorate has the faculty that after examining the benefit to the minor from such access, authorise such contact where such Directorate should also have the authorisation to determine, even pending lite, the methodology of contact and administer himself the supervision or monitoring, where the Directorate has the faculty to take decisions to reduce, extend, increase, suspend or terminate access if this is detrimental to minor. In case the condition that the minor does not have contact with the mother is released, the minor shall have supervised access with the same methodology mentioned;

5. Authorise this Directorate and/or Director of the Alternative Care Directorate to administer any vaccine and/or inoculation recommended by medical professional practitioners;

6. Appoints the application for hearing in terms of Article 18 (5) of Cap 602 of the Laws of Malta;

7. Appoint a children's advocate to provide an explanation, provide any information to the minor, assist and present the views of the minor before this Honourable Court in terms of Article 25 of Cap 602 of the Laws of Malta;

8. Welcomes the recommendations, including the issue of the care order, of the Director for the Directorate for Child Protection as delineated in the attached report as Doc. X and makes them an integral part of its final decision;

9. In case the above requests are upheld, order that these acts together with the care order be notified to the Review Board so that the same care of the minor be regularly reviewed according to the provisions of law.

And this under those provisions that this Honourable Court deems fit and opportune in the circumstances.

With costs.

Applicant: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda tal-Maġistrat Dott. Abigail Critien, BA, Trib. Eccl. Melit., LLM (Family Law) (Lond.), LLD, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti tal-Maġistrati hawn fuq imsemmi.

Illum 22 ta' Settembru, 2025

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 10 ta' Ottubru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Given by the aforementioned Court of Magistrates (Malta) with the witness of Magistrate Dr Abigail Critien, BA, Trib. Eccl. Melit., LLM (Family Law) (Lond.), LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the abovementioned Court.

Today 22nd September, 2025

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 10th October, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2574

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fit-22 ta' Settembru, 2025, fl-atti tar-rikors numru 33/2025AC, fl-atti tal-kawża Pjan ta' Revoka L.S.E.M. ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Bronya Mamo u John Paul Mamo a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota tal-Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tat-Tfal fl-atti tal-kawża numru 33/2025AC ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fil-11 ta' April, 2025, ir-rikorrenti Bord tar-Revizjoni għall-Ħarsien tat-Tfal qed jirrakkomanda revoka tal-Ordni tal-Ħarsien skont l-Artikolu 33(5) sabiex il-Qorti tkun tista' tirrevoka din l-Ordni skont l-artikolu 22(2), fid-dawl tal-informazzjoni provduta mir-Direttort tal-Kura Alternttiva li l-minuri ġiet adottata mill-foster carers tagħha u li issa huma rikonoxxuti bħala l-ġenituri adottivi.

Fid-dawl illi l-minuri ġiet adottata, il-Bord qiegħed għalhekk jippreżenta l-pjan ta' revoka tal-Ordni ta' Ħarsien anness u mmarkat bħala Dok. C sabiex ikun ikkunsidrat minn din l-Onorabbli Qorti. Il-Bord kif ukoll id-Direttorat Kura Alternattiva jħossu illi din l-Ordni ta' Ħarsien għandha tkun irrevokata u dan ġaladarba l-minuri hi adottataa. Il-Bord jiddikjara u jirrakkomanda illi r-revoka hija riżultat tal-adozzjoni.

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Lulju, 2025, il-Qorti wara li rat id-dokument esibit,

Rat l-Artikolu 22(2) u l-Artikolu 33(5) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta fost oħrajn;

Ai termini tal-Artikolu 17(1) tal-Kap. 602 il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u mid-dokumenti esibiti u l-kontenut tagħhom mhuwiex għaqli li tisma' lill-minuri u lanqas hemm bżonn li tisma' fehmiet oħra.

Peress illi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-pjan ta' revoka tal-ordni ta' ħarsien kif propost hu fl-aħjar interess tal-minuri, tordna r-revoka tal-Ordni ta' Ħarsien fil-konfront tal-istess minuri.

By means of a decree of the 22nd September, 2025, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 33/2025AC in the acts of the application Revocation Plan L.S.E.M., the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Bronya Mamo and John Paul Mamo in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a note in the names The Minors Care Review Board filed in the Juvenile Court, on the 11th April, 2025, in the acts of the Application number 33/2025AC, the applicant the Minors Care Review Board is recommending the revocation of the Care order in terms of Article 33 (5) so that the Court may revoke this order in terms of Article 22 (2), in the light of the information provided by the Alternative Care Directorate that the minor was adopted by her foster carers and that are now recognised as adoptive parents.

In the light that the minor was adopted, the Board is thus presenting the plan of revocation of the attached care order and marked as Doc. C in order that it be considered by this Honourable Court. The Board as well as the Alternative Care Directorate feel that this care order should be revoked and this once the minor is adopted. The Board declares and recommends that the revocation is the result of the adoption.

By means of a decree given on the 21st July, 2025, the Court after having seen the exhibited document,

Having seen Article 22 (2) and Article 33 (5) of Cap. 602 of the Laws of Malta amongst others;

In terms of Article 17 (1) of Cap. 602 the Court considers that in the circumstances of the case and from the documents exhibited and their contents it is not wise to hear the minor and there is no need to hear other views.

Garage 282, Marshall Place, Triq il-Kampanella, Fgura; property consisting of a garage for business purposes of around two hundred and sixty square metres (260m²), free and unencumbered, at street level, having a narrow yard on the back. There are also toilets and a small store and a small spiral staircase leading to garage number 13, Chanel Drive. The property is valued at three hundred and fifty thousand euro (€350,000);

Garaxx mhux uffiċjalment immarkat bin-numru 13, Chanel Drive, Triq il-Ġiżi, Il-Fgura; proprjetà konsistenti fil-forma ta' 'L', b'aċċess minn Chanel Drive, ta' madwar mitt metru kwadru (100m²), liberu u frank, li huwa fil-livell basement. Hemm ukoll toilet żgħir u xaft żgħir. Stmat li jiswa mija u għaxart elef ewro (€110,000);

Garaxx mhux uffiċjalment immarkat bin-numru 16, Chanel Drive, Triq il-Ġiżi, Il-Fgura; proprjetà konsistenti fil-forma ta' 'L' b'aċċess minn Chanel Drive, ta' madwar mija u ħames metri kwadri (105m²), liberu u frank, u għandu fetħa wiesa fuq wara li jgħaqqad mal-garaxx numru 13, u hemm ukoll xaft żgħir. Stmat li jiswa mija u għaxart elef ewro (€110,000).

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' Marshall Limited (C10331).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 44/13

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 13 ta' Ottubru, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Garage unofficially numbered 13, Chanel Drive, Triq il-Ġiżi, Fgura; property consisting in an 'L' shape with access from Chanel Drive, of around one hundred square metres (100m²), free and unencumbered at basement level. There is also a small toilet and a small shaft. The property is valued at one hundred and ten thousand euro (€110,000);

Garage unofficially numbered 16, Chanel Drive, Triq il-Ġiżi, Fgura, property consisting in an 'L' shape with access from Chanel Drive of around one hundred and five square metres (105m²), free and unencumbered, having an open space at the back which joins with garage number 13, and also having a shaft. The property is valued at one hundred and ten thousand euro (€110,000).

The said tenement is the property of Marshall Limited (C10331).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 44/13.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 13th October, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2600

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-19 ta' Awwissu, 2025, fuq talba ta' Anthony Chircop et ġie ordnat biex tappunta kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Mary Calleja Urry née Pace, fl-atti taċ-ċedola numru 1665/2025 fl-ismijiet Anthony Chircop et vs Kuraturi Deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1665/2025 fl-ismijiet Anthony Chircop, iben miżżewweġ tad-defunti Philip Chircop u Helen Chircop née Grima, imwieled Tas-Sliema fid-9 ta'Ġunju, 1949, u residenti Tas-Sliema, bil-karta tal-identità numru 477249M; Carmel sive Lino Chircop, iben miżżewweġ tad-defunti Philip Chircop u Helen Chircop née Grima, imwieled Tas-Sliema fl-10 ta' Awwissu, 1947, u residenti s-Swieqi, bil-karta tal-identità numru 702347M u martu Christine Carmen Mary Chircop née Cass, mart Carmel sive Lino Chircop, bint Archibald Edward Cass u Mary Josephine Cass née Gatt imwielda f'Chatham Kent, ir-Renju Unit, fid-19 ta' April, 1946, u residenti s-Swieqi, bil-karta tal-identità numru

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 19th August, 2025, following a request of Anthony Chircop et it was ordered to appoint deputy curators to represent the vacant inheritance of Mary Calleja Urry née Pace, in the acts of the schedule of deposit number 1665/2025 in the names Anthony Chircop et vs Deputy Curators in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 1665/2025 in the names Anthony Chircop, married son of the late Philip Chircop and Helen Chircop née Grima, born in Tas-Sliema on the 9th June, 1949, and residing Tas-Sliema, holding identity card number 477249M; Carmel sive Lino Chircop, married son of the late Philip Chircop and Helen Chircop née Grima, born in Tas-Sliema on the 10th August, 1947, and residing in Swieqi, holding identity card number 702347M and his wife Christine Carmen Mary Chircop née Cass, wife of Carmel sive Lino Chircop, daughter of Archibald Edward Cass and Mary Josephine Cass née Gatt born in Chatham Kent, United Kingdom, on the 19th April, 1946, and residing in Swieqi,

420881M; Maryanne Abela, mart Paul Abela, bint id-defunti Philip Chircop and Helen Chircop née Grima, imwielda f'Tas-Sliema fil-25 ta' Diċembru, 1950, u residenti s-Swieqi, bil-karta tal-identità numru 32251M, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredit ġjacenti ta' Mary Calleja Urry née Pace, mart Oscar Calleja Urry, bint Henry Pace u Teresa née Petro-cocchino, imwielda Tas-Sliema u kien toqghod il-Belt Valletta u l-Uffiċċju Konġunt bħala suċċessur tal-Abbazia Spinola – 29/30 Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta, ippreżentat fis-7 ta' Awwissu, 2025, fejn Anthony Chircop, Carmel sive Lino Chircop, Christine Carmen Mary Chircop u Maryanne Abela jesponu bir-rispett:

1. Illi huma jipposjedu l-binijiet hawn taħt indikati li jinsabu f'korp ta' bini li llum jikkonsisti fil-lukanda li ġġib l-isem ta' 'Tropicana Hotel' bin-numri uffiċjali tmienja u għoxrin (28), tletin (30), tnejn u tletin (32), erbgħa u tletin (34) u sitta u tletin (36), li qiegħda f'Ball Street, Paceville, San Ġiljan, suġġetti għaċ-ċens u subċens annwu u perpetwu u ċoè:

a) L-appartament internament immarkat bin-numru tnax (12), fil-ħames sular (fourth (4th) floor level) tal-blokk ta' appartamenti bin-numru uffiċjali tmienja u għoxrin (28) u li jġib l-isem ta' 'Mediterranean Flats' drabi ohra 'Mediterranean Flats Block A', drabi oħra 'Nevada Flats', f'Ball Street, Paceville, San Ġiljan. Inkluż mal-proprjetà hemm is-sehem prorata u ndiviz tal-partijiet komuni tal-blokk u n-nofs (1/2) sehem indiviż tal-bejt u tal-arja sovrastanti l-blokk, jew ishma aktar verjuri u preċiżi. Illi l-partijiet komuni tal-blokk u l-bejt huma suġġetti għad-dritt ta' użu favur tal-proprjetà sottostanti. Dan l-appartament jikkonfina mit-Tramuntana ma' proprjetà tat-terzi, mil-Lvant mat-Triq imsemmija u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Joseph Camilleri, jew irjieh aktar verjuri u preċiżi,

b) L-appartament fl-ewwel sular (ground floor level) mingħajr numru qabel bin-numru uffiċjali tletin (30) u bin-numru uffiċjali tnejn u tletin (32), f'Ball Street, Paceville, San Ġiljan, u s-sottoswol relattiv tiegħu kif sottopost għal blokk ta' appartamenti bin-numru uffiċjali tmienja u għoxrin (28) u magħruf bħala 'Mediterranean Flats' drabi oħra 'Mediterranean Flats Block A' u għall-blokk ta' appartamenti bin-numru uffiċjali erbgħa u tletin (34) magħruf bħala 'Mediterranean Flats Block B'. Illum dan il-fond huwa formanti parti mill-foyer ta' Tropicana Hotel, bin-numru uffiċjali tmienja u għoxrin (28), tletin (30), tnejn u tletin (32), erbgħa u tletin (34) u sitta u tletin (36), f'Ball Street, Paceville, San Ġiljan. Dan il-fond huwa konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjetà tat-terzi u mal-garaxx internament immarkat bin-numru għaxra (10), proprjetà ta' Joseph Camilleri (illum parti mill-foyer/lobby ta' Tropicana Hotel) u mil-Lvant mat-Triq imsemmija u mill-Punent mal-bitħa/drive jew irjieħ aktar verjuri u preċiżi. Il-fondi sovrapposti huma wkoll illum parti mill-binja ta' Tropicana Hotel,

holding identity card number 420881M; Maryanne Abela, wife of Paul Abela, daughter of the late Philip Chircop and Helen Chircop née Grima, born in Tas-Sliema on the 25th, December, 1950, and residing in Swieqi, holding identity card number 32251M, vs Deputy Curators to represent the vacant inheritance of Mary Calleja Urry née Pace, wife of Oscar Calleja Urry, daughter of Henry Pace and Teresa née Petro-cocchino, born in Tas-Sliema and resided in Valletta and Joint Office as successor of Abbazia Spinola, filed on the 7th August, 2025, whereby Anthony Chircop, Carmel sive Lino Chircop, Christine Carmen Mary Chircop and Maryanne Abela respectfully submitted:

1. That they own the buildings hereunder indicated which are situated in a block of buildings which today consists of the hotel bearing the name 'Tropicana Hotel' with official numbers twenty-eight (28), thirty (30), thirty-two (32), thirty-four (34) and thirty-six (36), situated at Ball Street, Paceville, St Julian's, subject to annual and perpetual groundrent and subgroundrent and namely:

a) The apartment internally marked with number twelve (12), on the fifth floor (fourth (4th) floor level) of the block of apartments with official number twenty eight (28) and bearing the name 'Mediterranean Flats' at other times 'Mediterranean Flats Block A', at other times 'Nevada Flats', at Ball Street, Paceville, St Julian's. Including with the property there is the pro rata and undivided share of the common parts of the block and half (1/2) undivided share of the roof and airspace overlying the block, or more precise shares. That the common parts of the block and roof are subject to the right of use in favour of the underlying property. This apartment is bounded on the north by property of third parties, on the east by the said street and on the south by property of Joseph Camilleri, or more precise boundaries,

b) The apartment on the first floor (ground floor level) without number previously with official number thirty (30) and official number thirty two (32), in Ball Street, Paceville, St Julian's, and its relative subsoil as underlying a block of apartments with official number twenty eight (28) and known as 'Mediterranean Flats' other times 'Mediterranean Flats Block A' and for the block of apartments with official number thirty-four (34) known as 'Mediterranean Flats Block B'. Today this premises forms part of the Tropicana Hotel foyer, officially numbered twenty-eight (28), thirty (30), thirty-two (32), thirty-four (34) and thirty-six (36), at Ball Street, Paceville, St Julian's. This premises is bounded on the north by property of third parties and the garage internally marked number ten (10), property of Joseph Camilleri (today part of Tropicana Hotel foyer/lobby) and on the east by the said street and on the West by the yard/drive or more precise boundaries. The overlying premises are also today part of the Tropicana Hotel building,

c) Il-porzjon diviż tal-art, jew l-ispazju, inkluż l-arja u s-sottoswol liberu tagħha, bil-kejl superfiċjali ta' ċirka sebgħa u għoxrin punt tnejn metri kwadri (27.2m.k.) qabel okkuppat minn:

mill-garaxx bin-numru mhux uffiċjali erbgħa (4), bil-kejl superficjali ta' ċirka tlettax-il metru kwadru (13m.k.) go bitha/drive accessibli bir-rigel u l-vettura minn dahla u passagg privat mingħajr numru uffiċjali u mingħajr isem fi Triq il-Wilga, Paceville, San Ġiljan, u minn fuq bitha/drive, proprjetà tal-esponenti stess, kif suġġetta din il-bitħa għas-servitujiet interenti għal pożizzjoni tagħha u għad-dritt ta' aċċess favur ta' terzi

mill-garaxx bin-numru mhux uffiċjali ħamsa (5), bil-kejl superfiċjali ta' ċirka għaxra punt tmienja metri kwadri (10.8mk.) ġo bitħa/drive aċċessibbli bir-riġel u l-vettura minn daħla u passaġġ privat mingħajr numru uffiċjali u mingħajr isem fi Triq il-Wilġa, Paceville, San Ġiljan, u minn fuq bitħa/drive, proprjetà tal-esponenti stess, kif suġġetta din il-bitħa għas-servitujiet interenti għal pożizzjoni tagħha u għad-dritt ta' aċċess favur ta' terzi

mill-kamra mingħajr numru uffiċjali bil-kejl superfiċjali ta' ċirka tlieta punt erbgħa metri kwadri (3.4m.k.) ġo bitħa/drive aċċessibbli bir-riġel u l-vettura minn daħla u passaġġ privat mingħajr numru uffiċjali u mingħajr isem fi Triq il-Wilġa, Paceville, San Ġiljan, u minn fuq bitħa/drive, proprjetà tal-esponenti stess, kif suġġetta din il-bitħa għas-servitujiet interenti għal pożizzjoni tagħha u għad-dritt ta' aċċess favur ta' terzi,

Illi l-imsemmija garaxx bin-numru mhux uffiċjali erbgħa (4), garaxx bin-numru mhux uffiċjali ħamsa (5) u l-kamra mingħajr numru uffiċjali, illum huma lkoll demoliti. Konfinanti lkoll flimkien mil-Lvant ma' Tropicana Hotel, mit-Tramuntana mal-garaxx internament immarkat bin-numru tlieta (3) proprejtà tat-terzi u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Woods u ta' Zammit jew irjiħat aktar verjuri u preċiżi,

d) Id-drive/bitħa proprjetà tal-esponenti bil-kejl superfiċjali ta' mija u sitta u tletin punt tlieta metri kwadri (136.3m.k.), jew kejl iehor aktar preċiżi u verjuri, liema bitħa/drive hija aċċessibbli minn daħla u passaġġ privat mingħajr numru uffiċjali u mingħajr isem minn Triq il-Wilġa, Paceville, San Ġiljan, suġġetta għas-servitujiet inerenti għall-pożizzjoni tagħha, suġġetta għad-dritt ta' aċċess favur terzi. Il-bitħa, drabi oħra drive, hija konfinanti mill-Punent mal-garaxxijiet internament immarkati bin-numri wieħed (1) sbarra tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4) u ħamsa (5) u kamra żgħira (garaxx numru erbgħa, ħamsa u kamra, illum huma demoliti) u mil-Lvant in parti mal-garaxxijiet internament immarkati bin-numri sitta (6) u sebgħa (7) li llum huma integrati mal-fond bin-numru uffiċjali sitta u tletin (36), in parti mal-garaxxijiet internament immarkati bin-numru

c) The divided portion of the land, or space, including its free air and subsoil, having a superficial measurement of approximately twenty seven point two square metres (27.2sqm) previously occupied by:

from the garage with non-official number four (4), with a superficial measurement of approximately thirteen square metres (13 sq.m.) in a yard/drive accessible by foot and by vehicle from a private entry and passage without official number and without name in Triq il-Wilġa, Paceville, St Julian's, and from above yard/drive, property of the same applicants, the yard is subject to inherent servitudes for its position and for the right of access in favour of third parties

from the garage with the unofficial number five (5), with the superficial measurement of approximately ten point eight square metres (10.8sqm) in a yard/drive accessible by foot and by vehicle from the entrance and private passage without an official number and without name in Triq il-Wilġa, Paceville, St Julian's, and from above from the yard/drive, property of the applicants, as subject to inherent servitudes for its position and right of access in favour of third parties

from the room without an official number with a superficial measurement of about three point four square metres (3.4sqm) in a yard/drive accessible by foot and by vehicle from an entrance and a private passage without an official number and without name in Triq il-Wilġa, Paceville, St Julian's, and from above from the yard/drive, owned by the applicants, as subject to inherent servitudes for its position and for the right of access in favour of third parties,

that the said garage with non-official number four (4), garage with non-official number five (5) and the room without official number, today are all demolished. All bounded on the east by Tropicana Hotel, on the north by the garage internally marked with number three (3) property of third parties and on the south by property of Woods and Zammit or more precise boundaries,

d) The drive/yard property of the applicant with superficial measurements of one hundred and thirty six point three square metres (136.3sqm), or other more precise measurements, which yard/drive is accessible from a private entry and passage without an official number and without name from Triq il-Wilġa, Paceville, St Julian's, subject to inherent servitudes to its position, subject to the right of access in favour of third parties. The yard, sometimes drive, is bounded on the west by garages internally marked with numbers one (1) slash two (2), three (3), four (4) and five (5) and a small room (garage number four, five and a room, today demolished) and on the east partly by garages internally marked with numbers six (6) and seven (7) which today are integrated with the premises with official number thirty six (36), in part with the garages internally marked

tmienja (8) u disgħa (9) (u li llum huma integrati mal-fond bin-numru uffiċjali tletin (30) u in parte mal-garaxx internament immarkat bin-numru għaxra (10), jew irjieħ aktar verjuri u preċiżi;

2. Illi peress illi l-esponenti biegħu xi proprjetà fuq is-sit lil terzi u baqgħu responsabbli għal ħlas taċ-ċens, allura se jgħaddu sabiex jifdu ċ-ċens u s-subċens kollu u dan għal kull bon fini;

3. Illi oriġinarjament Philip Chircop xtara mill-poter ta' Paolo Grixti b'titolu ta' subutile dominium il-porzjon diviż ta' art f'San Ġiljan formanti parti mill-Art 'Ta' Spinola', f'Paceville, bil-kejl ta' mija u sitta u għoxrin qasba kwadra (126sq.c.) kif suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħames xelini u tliet soldi a favur tal-Abbazia Spinola u subċens annwu u perpetwu ta' sebgħa u tletin lira Maltija, għaxar xelini u disa' soldi (Lm37.10x. 9s) pagabbli lis-Sinjura Mary mart Oscar Calleja Urry (Dok. A);

4. Illi b'att ta' Kostituzzjoni ta' Dritt ta' Passaġġ datat is-sitta u għoxrin ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u sebgħa u sittin (26/07/1967) fl-atti tan-Nutar George Bonello du Pius, ġie kkostitwit id-dritt ta' passaġġ bir-riġel jew bil-vettura b'wisa' ta' għaxar piedi u aċċessibbli minn entratura privata u bla numru minn Triq il-Wilġa, Paceville, San Ġiljan, li jibda' minn Triq il-Wilġa 'l ġewwa skont il-pjanta unita mal-imsemmi att;

5. Illi b'att tan-Nutar Nicola Said tas-sebgħa u għoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disgħa u sittin (27.11.1969), Philip Chircop ittrasferixxa a favur ta' Chircop Estates, il-korp ta' bini konsistenti fi tlett iħwienet numerati, tletin, tnejn u tletin u sitta u tletin (30, 32 and 36), disa' garaxxijiet numerati mhux uffiċjalment bin-numru wieħed, tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa, sitta, sebgħa, disgħa u għaxra (1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 9 u 10) li jinsabu fil-bitħa ta' 'Mediterranean Flats', liema bitħa u proprjetà msemmija tinsab sottopost għall-appartamenti proprjetà tal-esponenti u kif suġġetti għas-servitujiet inerenti għal pożizzjoni fiżika tagħhom – peress li sottopost għal proprjetà oħra bħal twieqi, aperturi, drenaġġ u drains tal-ilma fl-imsemmija bitħa, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha kif suġġetti għall-canone u għas-subcanone annwu u perpetwu ta' tnax-il lira Maltija (Lm12.00) bħala parti minn ċens u subċens akbar, altrimenti liberi u franki. Il-garaxx internament immarkat bin-numru tmienja (8) kien ġja formanti parti mill-fond hawn fuq imsemmi u llum huwa parti mill-foyer ta' Tropicana Hotel hawn fuq imsemmija (Dok. B);

6. Illi permezz ta' att datat is-sbatax ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (17.9.1991) fl-atti tan-Nutar Clyde la Rosa, Helen, armla minn Philip

with number eight (8) and nine (9) (and which today are integrated with the premises with official number thirty (30) and in part with the garage internally marked with number ten (10), or more precise boundaries;

2. That since the applicants sold some property on site to third parties and remained responsible for the payment of the groundrent, then they will proceed to redeem all the groundrent and subgroundrent and this for all intents and purposes;

3. That originally Philip Chircop bought from the power of Paolo Grixti by title of subutile dominium the divided portion of land in St Julian's, forming part of the land 'Ta' Spinola', in Paceville, measuring one hundred and twenty six square canes (126 sq.c.) as subject to the annual and perpetual groundrent of five shillings and three pence in favour of Abbazia Spinola and an annual and perpetual subgroundrent of thirty seven Maltese lira, ten shillings and nine pence (Lm37.10x.9s) payable to Mrs Mary wife of Oscar Calleja Urry (Doc. A);

4. That by means of a Constitution deed of right of passage dated the twenty-sixth July of the year one thousand nine hundred and sixty-seven (26/07/1967) in the records of Notary George Bonello du Pius, the right of passage by foot or vehicle with a width of ten feet and accessible from a private entrance and without number from Triq il-Wilġa, Paceville, St Julian's, was constituted, starting from Triq il-Wilġa inwards according to the plan attached to the said deed;

5. That by a deed of Notary Nicola said dated twenty-seventh November of the year one thousand nine hundred and sixty-nine (27.11.1969), Philip Chircop transferred in favour of Chircop Estates, the block consisting of three shops numbered thirty, thirty-two and thirty-six (30, 32 and 36), nine garages unofficially numbered one, two, three, four, five, six, seven, nine and ten (1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 9 and 10) situated in the yard of 'Mediterranean Flats', which property is underlying the apartments owned by the applicant and subject to inherent servitudes in its physical position – since it underlies other properties such as windows, openings, drains and water drains in the said property, with all rights and appurtenances as subject to the annual and perpetual canone and sub-canone of twelve Maltese lira (Lm12.00) as part of larger groundrent and sub-groundrent, otherwise free and unencumbered. The garage internally marked number eight (8) was already part of the premises above mentioned and today forms part of the foyer of Tropicana Hotel above mentioned (Doc. B);

6. That by means of a deed dated seventeenth September of the year one thousand nine hundred and ninety one (17.9.1991) in the records of Notary Clyde la Rosa, Helen,

Chircop, u uliedha Carmel Chircop, Anthony Chircop, Mary Anne, ahwa Chircop ikkoreġġaw l-att tas-sebgħa u għoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disgħa u sittin (27.11.1969) ippubblikat min-Nutar Nicola Said u speċifikaw illi Chircop Estates ma kellha ebda personalità ġuridika u għaldaqstant qatt ma ġiet iffurmata u peress illi din l-art inxtrat minn Philip Chircop waqt iż-żwieġ tiegħu ma' martu Helen Chircop, allura s-suċċessuri huma Helen Chircop u wliedha Carmel sive Lino Chircop, Anthony u Mary Anne Chircop mart Paul Abela, aħwa Chircop u iddikjaraw li emandaw l-att tan-Nutar Nicola Said tas-sebgħa u għoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disgħa u sittin (27.11.1969) fis-sens illi l-proprjetà ġiet akkwistata minn Carmel sive Lino, Anthony u Mary Anne Abela, aħwa Chircop personalment u mhux minn Chircop Estates;

7. Illi Carmel sive Lino Chircop kien miżżewweġ lil Christine Carmen Mary Chircop née Cass fit-tmienja ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disgħa u sittin (8.11.1969) u għaldaqstant din il-proprjetà li huwa akkwista b'titolu oneruż waqt iż-żwieġ tiegħu ġiet tifforma parti mill-komunjoni tiegħu u ta' martu mentri l-proprjetà li għaddiet lilu b'titolu ta' causa mortis baqgħet parafernali tiegħu ċoè l-flat u l-arja sovrastanti. Illi Anthony Chircop kien għadu ġuvni. Illi Mary Anne Abela kienet għadha xebba,

8. Illi Philip Chircop miet fl-erbgħa u għoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sitta u sebgħin (24.5.1976) u martu Elena, drabi oħra magħruf bħala Helen, Chircop mietet fil-ħamsa ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (5.8.1996);

9. Illi s-suċċessjoni tal-konjugi Philip u Elena sive Helen Chircop hija regolata bit-testment unica charta fl-atti tan-Nutar Nicola Said tat-tnax ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sitta u sittin (12.2.1966) fejn ħallew l-użufrutt favur ta' xulxin u nnominaw b'eredi universali tagħhom lit-tliet uliedhom;

10. Għal kull bon fini u kjarezza qiegħed jiġi hawn iddikjarat illi, skont l-att tan-Nutar Giovanni Chapelle tat-tnax ta' April tas-sena elf disa' mija u tlieta u tletin (12.4.1933) (Dok. C), is-soċjetà Eastern Telegraph Company Limited subkonċediet l-art li hija kellha b'titolu ta' long and perpetual sublease bil-kejl ta' sebgħa u għoxrin tumoli u kejla waħda (27T 0S 1K) kif suġġetta għaċ-ċens favur tal-Abbazia Spinola, liema art ġiet murija bil-kulur blu fuq il-pjanta unita mal-att u kif ukoll ikkonċediet b'enfitewsi ta' long u perpetual lease porzjon ieħor mill-istess art li kellha bħala libera u franka bil-kejl ta' erbatax-il tumoli, ħames sigħan u tliet kejliet (14T 5M 3M), liema art ġiet murija bil-kulur isfar fuq l-istess pjanta unita mal-att imsemmi;

widow of Philip Chircop, and her children Carmel Chircop, Anthony Chircop, Mary Anne, siblings Chircop corrected the deed of the twenty seventh November of the year one thousand nine hundred and sixty nine (27.11.1969) published by Notary Nicola said and specified that Chircop Estates had no juridical personality and thus it was never formed and since this land was purchased by Philip Chircop during his marriage with his wife Helen Chircop, then the successors are Helen Chircop and her children Carmel sive Lino Chircop, Anthony and Mary Anne Chircop wife of Paul Abela, siblings Chircop and declared that they emended the deed of Notary Nicola Said dated twenty-seventh November of the year one thousand nine hundred and sixty-nine (27.11.1969) in the sense that the property was acquired by Carmel sive Lino, Anthony and Mary Anne Abela, siblings Chircop personally and not from Chircop Estates;

7. That Carmel sive Lino Chircop was married to Christine Carmen Mary Chircop née Cass on the eighth November of the year one thousand nine hundred and sixty nine (8.11.1969) and thus this property which he acquired by onerous title during his marriage forms part of his Community his and his wife whilst the property which passed on to him by title of causa mortis remained paraphernal namely the flat and overlying airspace. That Anthony Chircop was still a bachelor. That Mary Anne Abela was still unmarried,

8. That Philip Chircop died on the 25th May of the year one thousand nine hundred and seventy six (24.5.1976) and his wife Elena, other times known as Helen, Chircop died on the 5th August of the year one thousand nine hundred and ninty six (5.8.1996);

9. That the succession of spouses Philip and Elena sive Helen Chircop is regulated by a will unica charta in the records of Notary Nicola Said of the twelfth February of the year one thousand nine hundred and sixty six (12.2.1966) whereby they left the usufruct in favour of each other and nominated their three children as universal;

10. For all intents and purposes It is hereby declared that, according to the deed of Notary Giovanni Chapelle of the twelfth April of the year one thousand nine hundred and thirty three (12.4.1933) (Doc. C), the company eastern Telegraph Company Limited subcontracted the land that it had by title of long and perpetual sublease measuring twenty seven tumoli and one kejl (27T 0S 1K) as subject to the groundrent in favour of Abbazia Spinola, which land is shown with the colour blue on the plan attached to the deed as well as granted by emphyteusis of long and perpetual lease another portion of the same land which it is free and unencumbered with the measurement of fourteen tumoli, five sighan and three kejliet (14T 5M 3M), which land is shown with the colour yellow on the same plan attached to the said deed;

11. Illi l-korp ta' bini magħruf bħala Tropicana Hotel, li minnu jiffurmaw parti l-proprjetà hawn fuq imsemmija, jinsabu mibnija fuq dik il-parti mill-art immarkata bil-kulur isfar fl-imsemmija pjanta unita mal-att tan-Nutar Giovanni Chapelle tat-tnax ta' April tas-sena elf disa' mija u tlieta u tletin (12.4.1933) u allura ma taqax fuq il-parti ikkulurita bil-blu fejn hemm iċ-ċens annwu u perpetwu dovut lil Abbazia Spinola, jew suċċessuri tagħha fit-titolu. Illi pjanta tal-korp bini kollu superimposed fuq il-pjanta unita mal-att tan-Nutar Giovanni Chapelle hawn fuq imsemmija qiegħda tiġi hawn annessa bħala (Dok. X);

12. Illi fl-imsemmi att ġie mniżżel illi Eastern Telegraph Company Limited akkwistat l-art mill-eredità vakanti tal-bankier Paolo Ellul b'att tan-Nutar Alfriedo Carbone datat il-wieħed u għoxrin ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u wieħed u għoxrin (21.7.1921) u li l-istess Paolo Ellul akkwista l-porzjonijiet tal-art flimkien ma' art ikbar mingħand it-Trustees tal-Abbazia Spinola permezz ta' att ippubblikat min-Nutar Ch. Giuseppe Rossi tas-sittax ta' Awwissu tas-sena elf u disa' mija (16.8.1900) u Eastern Telegraph Company Limited akkwistat l-porzjonijet l-oħra tal-istess art b'titolu oneruż mingħand diversi nies b'atti tan-Nutar Alfriedo Carbone tat-tlettax ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u wieħed u għoxrin (13.1.1921) mill-poter ta' Caterina Grech, Ignazio Bonello u martu, b'att tat-tnejn ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u wieħed u għoxrin (2.7.1921) mill-poter ta' Giovanni Sammut u oħrajn, b'att tan-Nutar Carmelo Farrugia tal-erbgħa u għoxrin ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sitta u għoxrin (24.2.1926) mill-poter ta' Ignazio Ellul u martu, b'att ieħor fl-atti tan-Nutar Carbone tal-wieħed u għoxrin ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u wieħed u għoxrin (21.7.1921) mill-Eredita' vakanti ta' Paolo Ellul kif intqal hawn fuq;

13. Illi għal kull bon fini, qiegħed jiġi mifdi ċens annwu u perpetwu a favur tal-Abbazia Spinola, jew suċċessuri tagħha fit-titolu, b'ċedola ta' depożitu ta' fidi ta' ċens minkejja li skont il-kuntratt tan-Nutar Giovanni Chapelle tat-tnax ta' April tas-sena elf disa' mija u tlieta u tletin (12.4.1933) u l-pjanta unita miegħu, hawn fuq imsemmi, ma hemmx ċens gravanti l-proprjetà hawn fuq isemmija u l-blokk ta' bini li minnu tifforma parti li huwa dovut a favur tal-Abbazia Spinola, jew suċċessuri tagħha fit-titolu, u dan peress illi l-kuntratt tal-akkwist ta' Philip Chircop u tal-predeċessuri tiegħu jsemmu ċens originali dovuta lil Abbazia Spinola;

14. Illi Dott. Giuseppe Pace kien xtara subdirett annwu u perpetwu mill-poter ta' Eastern Telgraph Company Limited gravanti l-art b'att tan-Nutar Joseph Gatt tat-tlettax ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tlieta u erbgħin (13.2.1943) (Dok. D) qabel ma ttrasferixxa l-art a favur tas-Sinjura Mary Pace

11. That the block of buildings known as Tropicana Hotel, of which the property above mentioned forms part, are built on that part of the land marked with the colour yellow in the said plan together with the deed of Notary Giovanni Chapelle of the twelfth April of the year one thousand nine hundred and thirty three (12.4.1933) and thus does not fall on the blue coloured part where there is the annual and perpetual groundrent due to Abbazia Spinola, or its successors in title. That a plan of the whole building body superimposed on the plan attached to the deed of Notary Giovanni Chapelle above mentioned is hereby attached as (Doc. X);

12. That in the said deed it was stated that eastern Telegraph Company Limited acquired the land from the vacant inheritance of the banker Paolo Ellul by deed of Notary Alfriedo Carbone dated twenty-first July of the year one thousand nine hundred and twenty-one (21.7.1921) and that the same Paolo Ellul acquired the portions of the land together with larger land from the Abbazia Spinola Trustees by means of a deed published by Notary Ch. Giuseppe Rossi of the sixteenth August of the year one thousand nine hundred (16.8.1900) and eastern Telegraph Company Limited acquired the other portions of the same land by onerous title from various people by acts of Notary Alfriedo Carbone of the thirteenth January of the year one thousand nine hundred and twenty one (13.1.1921) from the power of Caterina Grech, Ignazio Bonello and his wife, by deed of the second July of the year one thousand nine hundred and twenty-one (2.7.1921) from the power of Giovanni Sammut and others, by deed of Notary Carmelo Farrugia of the twenty-fourth February of the year one thousand nine hundred and twenty-six (24.2.1926) from the power of Ignazio Ellul and his wife, by another deed in the records of Notary Carbone dated twenty-first July of the year one thousand nine hundred and twenty-one (21.7.1921) from the vacant inheritance of Paolo Ellul as stated above;

13. That for all intents and purposes, an annual and perpetual groundrent is being redeemed in favour of Abbazia Spinola, or its successors in title, by a schedule of deposit andf redemption of groundrent despite that according to the contract of Notary Giovanni Chapelle of the twelfth April of the year one thousand nine hundred and thirty three (12.4.1933) and the plan here attached, above mentioned, there is no groundrent burdening the property above mentioned and the block of building from which it forms part which is due in favour of Abbazia Spinola, or its successors in title, and this because the contract of acquisition of Philip Chircop and its predecessors mention an original groundrent due to Abbazia Spinola;

14. That Dr Giuseppe Pace had acquired an annual and perpetual sub-direct from the power of eastern Telgraph Company Limited burdening the land by deed of Notary Joseph Gatt of the thirteenth February of the year one thousand nine hundred and forty three (13.2.1943) (Doc. D)

(wara Mary Calleja Urry) b'att tan-Nutar Giuseppe Sammut tas-sitta ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u wieħed u ħamsin (6.10.1951) (Dok. E). Illi b'att ta' subenfitewsi fl-atti tan-Nutar Dott. Giuseppe Sammut tat-tlettax ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u tlieta u ħamsin (13.6.1953) (Dok. F), is-Sinjura Calleja Urry ikkonċediet b'subċens l-art a favur ta' Paolo Grixti. Illi l-imsemmi Paolo Grixti kien biegħ lil Philip Chircop l-art li fuqha hemm mibnija l-proprjetà hawn fuq imsemmija b'att tan-Nutar Nicola Said tat-tmintax ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u sitta u hamsin (18.6.1956);

15. Illi pjanti maħruġa mir-Reġistru tal-Artijiet ossija l-Land Registry Plan tal-Proprjetajiet qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati 'LR1', 'LR2' u 'LR3';

16. Għaldaqstant,

a) Peress illi l-proprjetà tinsab mibnija flimkien ma' proprjetà oħra fuq l-istess sit li huwa aggravat biċ-ċens oriġinali ta' ħames xelini u tliet soldi (Lm0.5x3s) skont il-kuntratt ippubblikat min-Nutar Nicola Said tat-tmintax ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u sitta u hamsin (18.6.1956) versu u favur tar-Rettur tal-Abbazia Spinola, jew suċċessuri tagħha fit-titolu, u kif ukoll għas-subċens versu u favur tas-suċċessuri tas-Sinjura Mary Calleja Urry skont l-att tan-Nutar Dott. Giuseppe Sammut tat-tlettax ta' Ġunju tal-elf disa' mija u tlieta u ħamsin (13.6.1953), l-esponenti sejrin jiddepozitaw u jifdu ċ-ċens annwu u perpetwu gravanti l-imsemmija proprjetà permezz ta' din iċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi taċ-ċens annwu u perpetwu versu u favur tal-Abbazia Spinola, jew successuri tagħha fit-titolu, u kif ukoll jifdu subċens annwu u perpetwu gravanti l-istess imsemmija proprjetà favur is-successuri tas-Sinjura Mary Calleja Urry,

b) Għal kull bon fini, se jinfeda l-ammont kollu tas-subċens ta' sebgħa u tmenin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€87.47c), qabel sebgħa u tletin lira Maltija u għaxar xelini u disa' soldi (Lm37.10x9s), versu s-Sinjura Mary Calleja Urry, jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu, u dan kif tistipula l-konċessjoni subenfitewtika in atti tan-Nutar Dott. Giuseppe Sammut tat-tnax ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u tlieta u ħamsin (12.6.1953) u l-kuntratt ta' bejgħ in atti tan-Nutar Nicola Said tat-tmintax ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u sitta u ħamsin (18.6.1956),

c) Is-somma ta' sebgħa u tmenin ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€87.45c), qabel sebgħa u tletin lira Maltija u għaxar xelini u disa' soldi (Lm37.10x9s), kapitalizzata bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) li tammonta għas-somma ta' elf seba' mija u disgħa u erbgħin ewro (€1,749),

before transferring the land in favour of Mrs Mary Pace (after Mary Calleja Urry by deed of Notary Giuseppe Sammut of the sixth October of the year one thousand nine hundred and fifty one (6.10.1951) (Doc. E). That by means of a deed of sub-emphyteusis in the records of Notary Dr Giuseppe Sammut of the thirteenth June of the year one thousand nine hundred and fifty three (13.6.1953) (Doc. F), Mrs Calleja Urry granted by subgroundrent the land in favour of Paolo Grixti. That the said Paolo Grixti had sold to Philip Chircop the land on which the property above mentioned is built by deed of Notary Nicola Said of the eighteenth June of the year one thousand nine hundred and fifty six (18.6.1956);

15. That plans issued from the Land Registry or rather the Land Registry plan of the properties are here attached and marked 'LR1', 'LR2' and 'LR3';

16. Therefore,

a) Whereas the property is built together with other property on the same site which is aggravated by the original groundrent of five shillings and three pence (Lm0.5x3s) according to the contract published by Notary Nicola Said dated eighteenth June of the year one thousand nine hundred and fifty six (18.6.1956) towards and in favour of the Rector of Abbazia Spinola, or her successors in title, as well as for the subgroundrent towards and in favour of the successors of Mrs Mary Calleja Urry according to the deed of Notary Doctor Giuseppe Sammut of the thirteenth June of the thousand nine hundred and fifty three (13.6.1953), the applicants shall deposit and redeem the annual and perpetual groundrent regarding the said property by means of this Schedule of deposit and contextual redemption of the annual and perpetual groundrent towards and in favour of Abbazia Spinola, or her successors in title, and also redeem annual and perpetual subgroundrent regarding the same property in favour of the successors of Mrs Mary Calleja Urry,

b) For all intents and purposes, the total amount of the subgroundrent of eighty seven euro and forty seven cents (€87.47c), before thirty seven Maltese lira and ten shillings and nine (Lm37.10x9s) settlements, towards Mrs Mary Calleja Urry, or her successors in title, shall be redeemed, as stipulated by the sub-emphyteutical concession in the records of Notary Dr Giuseppe Sammut of the twelfth June of the year one thousand nine hundred and three and fifty (12.6.1953) and the contract of sale in the records of Notary Nicola said dated eighteenth June of the year one thousand nine hundred and fifty six (18.6.1956),

c) The sum of eighty seven euro and forty five cents (€87.45c), before thirty seven Maltese lira and ten shillings and nine (Lm37.10x9s) settlements, capitalised at the rate of five percent (5%) which amounts to the sum of one thousand seven hundred and forty nine euro (€1,749),

d) Għal kull bon fini ser jinfeda l-ammont kollu taċ-ċens originali ta' tnejn u sittin ċenteżmu tal-ewro (€0.62c), qabel ħames xelini u tliet soldi (Lm0.5x.3s), favur r-Rettur tal-Abbazia Spinola, jew suċċessuri tagħha fit-titolu u dan skont il-kuntratt tan-Nutar Dott. Giuseppe Sammut tat-tnax ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u tlieta u hamsin (12.6.1953) u l-kuntratt ta' bejgħ in atti tan-Nutar Nicola Said tat-tmintax ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sittin (18.06.1965),

d) For all intents and purposes, the original groundrent of sixty two euro cents (€0.62c), before five shillings and three soldiers (Lm0.5x.3s), will be redeemed in favour of the Rector of Abbazia Spinola, or her successors in title according to the contract of Notary doctor Giuseppe Sammut of the twelfth June of the year one thousand nine hundred and fifty three (12.6.1953) and the contract of sale in the records of Notary Nicola Said of the eighteenth June of the year one thousand nine hundred and sixty-five (18.06.1965),

e) Is-somma ta' tnejn u sittin ċenteżmu tal-ewro (€0.62c), ammont akbar minn dak kif imnizzel qabel ta' (Lm0.5x3s), kapitalizzata bir-rata ta' ħamsa (5%) fil-mija li tammonta għas-somma ta' tnax-il ewro u erbgħin ċenteżmu (€12.40c);

e) The sum of sixty two euro cents (€0.62c), a larger amount than that previously mentioned of (Lm0.5x3s), capitalised at the rate of five (5%) per cent which amounts to the sum of twelve euro and forty cents (€12.40c);

17. Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu 1501 tal-Kodiċi ta' Malta, u jifdu dawn l-imsemmija ċens u subċnus annwi u perpetwi kif stipulat fil-liġi;

17. That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by Article 1501 of the Civil Code of Malta, and redeem the said annual and perpetual groundrent and sub-groundrent as stipulated in law;

18. Illi għaldaqstant, l-esponenti qegħdin jiddepożitaw is-somma komplessiva ta' elfejn mitejn u disgħa u tmenin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€2289.82c), rappreżentanti inkwantu:

18. That thus, the applicants are depositing the total sum of two thousand two hundred eighty nine euro and eighty two cents (€2289.82c), representing as follows:

a) Is-somma ta' elf, seba' mija u wieħed u sittin ewro u erbgħin ċenteżmu (€1761.40) rappreżentanti prezz ta' fidi taċ-ċens u subċnus annwi u perpetwi kif hawn fuq imsemmija u dan bir-rata ta' kapitalizzazzjoni ta' ħamsa (5%) fil-mija hija dovuta in kwantu għas-somma ta' elf seba' mija u disgħa u erbgħin ewro (€1,749) lis-suċċessuri tas-Sinjura Calleja Urry u inkwantu għas-somma ta' tnax-il ewro u erbgħin ċenteżmu (€12.40c) lil Abbazia Spinola, jew s-suċċessuri tagħha fit-titolu,

a) The sum of one thousand, seven hundred and sixty one euro and forty cents (€1761.40) representing the price of redemption of the annual and perpetual groundrent and sub-groundrent as above mentioned and this at the rate of capitalisation of five (5%) per cent is due as for the sum of one thousand seven hundred and forty nine euro (€1,749) to the successors of Mrs Calleja Urry and as for the sum of twelve euro and forty cents (€12.40c) to Abbazia Spinola, or its successors in title,

b) Is-somma ta' tmienja u tmenin ewro u seba' ċenteżmi (€88.07c) laudemium li hija dovuta inkwantu għas-somma ta' sebgħa u tmenin ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€87.45c) lis-suċċessuri tas-Sinjura Calleja Urry u inkwantu għas-somma ta' tnejn u sittin ċenteżmu tal-ewro (€0.62c) lil Abbazia Spinola, jew s-suċċessuri tagħha fit-titolu,

b) The sum of eighty eight euro and seven cents (€88.07) laudemium which is due as for the sum of eighty seven euro and forty five cents (€87.45c) to the successors of Mrs Calleja Urry and as for the sum of sixty two euro cents (€0.62) to Abbazia Spinola, or her successors in title,

c) Is-somma ta' erba' mija u erbgħin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€440.35c) rappreżentanti l-arretrati tal-ħlas taċ-ċens u subċens hija dovuta in kwantu għas-somma ta' erbgħa mija u sebgħa u tletin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€437.25c) lis-suċċessuri tas-Sinjura Calleja Urry u inkwantu għas-somma ta' tliet ewro u għaxar ċenteżmi (€3.10c) lil Abbazia Spinola, jew s-suċċessuri tagħha fit-titolu.

c) The sum of four hundred and forty euro and thirty five cents (€440.35) representing arrears of groundrent and sub-groundrent is due as for the sum of four hundred and thirty seven euro and twenty five cents (€437.25c) to the successors of Mrs Calleja Urry and as for the sum of three euro and ten cents (€3.10c) to Abbazia Spinola, or its successors in title.

Għaldaqstant, l-esponenti, sabiex jottemperaw ruħhom bil-liġi msemmija, qegħdin jadixxu lil dina l-Onorabbli Qorti u taht l-awtorità tal-istess jgħaddu sabiex jiddepożitaw is-somma globali ta' elfejn mitejn u disgħa u tmenin ewro

Thus, the applicants, in order to abide themselves with the said law, are calling upon this Honourable Court and under its authority they pass on to deposit the global sum of two thousand two hundred eighty nine euros and eighty

u tnejn u tmenin ċenteżmu (€2289.82c), li għandha tiġi liberament żbankata mill-intimati, kif stipulat fil-paragrafu 18, u dan wara li tiġi rilaxxata d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti:Anthony Chircop 134A, Flat 5, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Notifika: Direttur Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Uffiċċju Konġunt bħala suċċessur tal-Abbazia Spinola, 29/30, Triq Marsamxett, Il-Belt, Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

